MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 614/2000/1

**Mario Grech**

**vs**

**David Camilleri u b'digriet tat-3 ta' Ottubru 2000 l-Avukat Dottor Victor Scerri u l-P.L. Liliana Buhagiar gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrappresentaw lill-eredi mhux mgharufa tal-konvenut David Camilleri li miet fil-mori tal-kawza u b'digriet tal-25 ta April 2001 l-atti tal-kawza ghadew fil-persuna ta' Alfred Camilleri u Helen Bugeja bhala l-eredi tal-konvenut Alfred Camilleri li miet fil-mori tal-kawza**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi fit-3 ta' Dicembru 1999 sehh incident awtomobilistiku gewwa Marfa Road Mellieha, bejn il-vettura tal-ghamla Transit numru ta' registrazzjoni AAC 562 misjuqa mill-konvenut u l-vettura ERF truck bit-trailer misjuqa mill-attur numru ta' registrazzjoni JAF 448, liema incident sehh unikament minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regoli tat-traffiku da parti tal-konvenut;

Illi bhala risultat ta' dan l-incident l-attur sofra hsara; u

Illi ghalkemm interpellat sabiex jaddivjeni ghall-likwidazzjoni bonarja tad-danni sofferti mill-attur dana baqa' inadempjenti;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi;

2. tillikwida id-danni sofferti mill-attur okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni kif hekk likwidati kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Alfred Camilleri u Helen Bugeja fejn gie eccepit li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra tieghu stante illi l-incident awtomobilistiku mertu tal-kawza sehh unikament tort tal-istess attur minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolament tat-traffiku da parti tieghu hekk kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-attur jirreferi ghal incident stradali li sehh fit-3 ta' Dicembru 1999 gewwa Marfa Road Mellieha bejn il-vettura tal-ghamla Transit numru ta' registrazzjoni AAC 562 misjuqa mill-konvenut David Camilleri u truck bit-trailer numru ta' registrazzjoni JAF 448 misjuq mill-attur. L-attur jippremetti li dan l-incident sehh unikament tort tal-istess konvenut u ghalhekk l-attur qed jitlob li l-konvenut David Camilleri jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident in kwestjoni u li jigu likwidati d-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur. Finalment l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kundannat ihallas id-danni hekk likwidati;

Il-konvenuti eredi tal-konvenut David Camilleri, li miet fil-mori tal-kawza, qed jeccepixxu li l-incident awtomobilistiku in kwestjoni sehh unikament tort tal-istess attur;

Jigi rilevat li l-attur naqas li jipproduci provi in sostenn ta' dak li huwa ppremetta fic-citazzjoni tieghu. Konsegwentement it-talbiet attrici ma jirrizultawx pruvat u ghalhekk m'ghandhomx jigu akkolti;

Jigi rilevat ukoll li din il-kawza giet trattata flimkien mal-kawza citazzjoni numru 462/00 fl-ismijiet "Alfred Camilleri vs Mario Grech" u anke f'dawn il-proceduri tal-ahhar l-attur (konvenut fl-imsemmija proceduri l-ohra) naqas li jipproduci provi. L-imsemmija kawza l-ohra appuntu kienet tittratta dwar il-kollizzjoni in kwestjoni f'dawn il-proceduri, u b'sentenza mghotija illum stess, fl-istess kawza l-ohra, Mario Grech (attur f'dawn il-proceduri u konvenut fil-proceduri l-ohra) gie dikjarat unikament responsabbli ghal din il-kollizzjoni;

Fid-dawl ta’ dan kollu t-talbiet kollha attrici ma jistghu qatt jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------